MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 321/2014

**Servgroup Limited**

**(C 28811)**

**vs**

**Oliver Osthus**

**(ID 16560A)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Settembru 2014 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ ghaxart elef, mitejn u zewgt Euro u erbghin centezmu (€10,202.40) rapprezentanti xoghlijiet varji maghulha lill-istess intimat fuq inkariku tieghu kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru ppreentat kontestwalment mal-proceduri odjerni u l-imghax mid-data meta kien dovut il-hlas sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fid 19 ta’ Mejju 2015, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali, Ta’ Xbiex, l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Msida u fl-indirizz ta’ l-intimat (fol 21 tergo) u saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit 22 ta’ Mejju 2015 (fol 19).

Illi fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2015 dehret mart l-intimat, Marisa Osthus (ID 8469M) illi infurmat il-Qorti illi hija awtorizzata mir-ragel taghha, l-intimat Oliver Osthus, sabiex tidher ghan-nom tieghu u tammetti t-talbiet attrici kif dedotti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni illi saret da parte ta’ mart l-intimat u wara illi semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, mitejn u zewgt Euro u erbghin centezmu (€10,202.40) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------